

# L-Unjoni Ewropea fuq livell internazzjonali

Iktar ma jgħaddi ż-żmien l-UE sar għandha sehem dejjem iktar importanti f'organizzazzjonijiet internazzjonali u fora bħal ma' huma n-Nazzjonijiet Uniti (UN), l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u l-Forum dwar l-Istabbiltà Finanzjarja (FSF).

Madankollu, dwar ħafna kwistjonijiet internazzjonali, l-UE mhix f'pożizzjoni li titkellem b'vuċi waħda. Dan l-aħħar qiegħed isir progress bejn l-Istati Membri biex jiżviluppaw koperazzjoni militari f'missjonijiet għaż-żamma tal-paċi f'isem l-UE.

L-UE tagħti importanza lil laqgħat fuq livell internazzjonali biex ittejjeb ir-relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi li mhumiex membri, kif ukoll fl-involviment ta' dibattiti u negozjati multilaterali u anke permezz ta' għajnuna finanzjarja li toffri speċjalment lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

F'Ottubru li għadda fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, numru ta' organizzazzjonijiet attendew għall-Jiem Ewropej għall-Iżvilupp fi Stokkolma. Din kienet opportunità għal *networking*, qsim ta' esperjenzi, u mod kif jiskopru msieħba ġodda għal proġetti tal-iżvilupp. Din saret attività annwali li turi l-isforzi tal-UE favur l-iżvilupp.

Fil-jiem li għaddew l-UE bagħtet delegazzjoni fl-Indja għal *summit* bilaterali importanti fejn sar djalogu politiku dwar suġġetti ta' importanza għaż-żewġ msieħba fosthom: l-enerġija, il-kriżi finanzjarja u l-ġlieda kontra t-terroriżmu.

L-UE kienet attriċi ewlenija fil-konferenza tal-Ġnus Maqgħuda dwar il-klima, li saret f'Kopenhagen fil-kuntest tan-negozjati għall-ftehim globali dwar it-tibdil fil-klima wara s-sena 2012, wara li l-Protokol ta' Kyoto jkun skada. L-UE lesta li taqta' l-emissjonijiet ta' *greenhouse gases* bi 30% sas-sena 2020 jekk jintlaħaq ftehim globali. L-UE lesta wkoll tgħin lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom permezz ta' għajnuna finanzjarja.

Malta-EU Steering
& Action Committee

indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt